

It-Tlieta 11 ta' Ġunju 2013

ANNEX GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-pestiċidi

Fl-implimentazzjoni tal-Artikolu 11(1)(b), il-Kummissjoni se tagħti attenzjoni partikolari lill-pestiċidi li fihom sustanzi attivi, aġenti protettivi jew sinerġizzanti kklassifikati skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008⁽¹⁾ bħala mutaġeniċi kategorija 1A jew 1B, karċinoġeni kategorija 1A jew 1B, tossiċi għar-riproduzzjoni fil-kategorija 1A jew 1B, jew meqjusa li għandhom proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali u li jistgħu jikkawżaw effetti negattiv fuq il-bnedmin, jew li huma tossiċi ħafna, jew li jikkawżaw effetti kritiċi bħal effetti newrotossiċi jew immunotossiċi tal-iżvilupp, bil-għan li fl-aħħar mill-aħħar jiġi evitat l-użu tagħhom.

P7_TA(2013)0243

Ir-rekwiżiti minimi tas-saħħa u s-sigurtà li jirrigwardaw l-espożizzjoni tal-ħaddiema għar-riskji li jinħolqu minn aġenti fiżiċi (kampj eletromanjetiċi) *I**

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Ġunju 2013 dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti minimi għas-saħħa u s-sigurtà li jirrigwardaw l-espożizzjoni tal-ħaddiema għar-riskji li jinħolqu minn aġenti fiżiċi (kampj eletromanjetiċi) (l-XX Direttiva individwali skont l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (COM(2011)0348 – C7-0191/2011 – 2011/0152(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2016/C 065/33)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0348),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 153(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema Artikolu l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0191/2011),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-7 ta' Diċembru 2011⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Komitat tar-Reġjuni,
- wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-10 ta' April 2013, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Komitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-opinjoni tal-Komitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A7-0009/2013),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

⁽¹⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1.

⁽¹⁾ ĠU C 43, 15.2.2012, p. 47.

It-Tlieta 11 ta' Ġunju 2013

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P7_TC1-COD(2011)0152

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-11 ta' Ġunju 2013 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2013/.../UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti minimi tas-saħħa u s-sigurtà li jirrigwardaw l-espożizzjoni tal-ħaddiema għar-riskji li jinħolqu minn aġenti fiżiċi (kampj elettromanjetiċi) (l-20 Direttiva individwali skont l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) u li tħassar id-Direttiva 2004/40/KE

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att finali, d-Deċiżjoni 2013/35/UE.)

P7_TA(2013)0244

Pjan għal perjodu fit-tul għall-istokkijiet tal-merluzz u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet – 2 *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Ġunju 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi pjan għal perjodu fit-tul għall-istokkijiet tal-merluzz u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet (COM(2012)0498 – C7-0290/2012 – 2012/0236(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2016/C 065/34)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2012)0498),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0290/2012),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2012 ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A7-0146/2013),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.
-

⁽¹⁾ ĠU C 44, 15.2.2013, p. 125.